# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 27 ta' Diċembru 2024**

**Nru: 3**

**Rikors Ġuramentat Nru. 634/2024**

**Sportingbet Limited**
**rappreżentata mill-avukat Dr Paul Micallef Grimaud**
**bħala mandatarju speċjali**

**v**

**SB Entertainment Limited**

**Daħla**

1. SB Entertainment Limited ("SB") kellha tressaq risposta ġuramentata fi żmien għoxrin ġurnata minn meta rċeviet ir-rikors ġuramentat ta' Sportingbet Limited ("Sportingbet").

2. Kif ser naraw, ir-risposta tressqet tard. SB ressqet ukoll rikors biex titwaqqaf din il-kawża, u kif ukoll biex miżura *interim* kontriha tiġi revokata.

3. Permezz ta' rikors imressaq fis-16 ta' Awwissu 2024, Sportingbet talbet li SB tiġi dikjarata kontumaċi, u li l-qorti tneħħi l-atti mressqa minn SB. Din hi deċiżjoni dwar din it-talba ta' Sportingbet.

**Il-fatti**

4. SB ġiet notifikata bil-kawża fil-11 ta' Lulju 2024 (ara paġna 277, fuq wara); u r-risposta ġuramentata tressqet fil-5 ta' Awwissu 2024 (ara paġna 280). Dan ifisser li r-risposta tressqet tard. Ifisser ukoll li SB ressqet ir-risposta mingħajr ma ġiet awtorizzata li tressaq ir-risposta wara l-għeluq taż-żmien lilha mogħti skont il-liġi. Dan mhux kontestat minn SB. Lanqas ma jidher li tikkontesta l-fatt allegat minn Sportingbet li kopja tar-rikors ġuramentat kien intbagħat lill-avukat tagħha, b'kortesija, qabel ma saret in-notifika formali (ara para. 3 tar-rikors ta' Sportingbet, paġna 343).

5. SB tgħid, in effett, li hi fehmet li kellha sal-5 ta' Awwissu 2024 biex tressaq ir-risposta ġuramentata. Dana għaliex, skont email li ntbagħet minn SB lill-avukati tagħha, ngħad li '[t]his morning [15 July 2024] we have received official in Maltese office the Court case for October (attached)' (ara paġna 412). Iżda minn dak li tgħid SB stess f'para 7 tar-risposta tagħha (paġna 412) din l-istqarrija kienet żbaljata:

> Jista forsi kien hemm xi miskomunikazzjoni bejn il-kumpannija konvenuta u l-persuni inkarigati minnha f'Malta biex jirċievu l-posta u jista jkun li saret xi tahwida fid-dati tal-atti riċevuti. Madanakollu l-esponenti tissottometti li hi ezercitat d-diligenza mehtiega ...

6. Tkompli (f'para 8) tgħid hekk:

> **Fi kwalunkwe kaz, jekk jirrizulta mir-riferti formali li kien hemm ksur involontarju tat-terminu, l-eccipjenti tiskuza ruhha mal-Qorti ...**[1]

**Il-liġi**

7. L-interpretazzjoni tal-liġi fil-ġurisprudenza dwar it-tifsira ta' 'raġuni tajba' għall-finijiet tal-art. 158(10) tal-Kap. 12 hi magħrufa sew: kif tgħid SB, l-iżball irid ikun wieħed invinċibbli. Fi kliem ieħor, in-nuqqas ta' osservanza tat-terminu irid ikun, kważi kważi, konsegwenza ta' forza maġġuri; ċertament ma jistax ikun konsegwenza ta' negliġenza minn naħa tal-konvenut.[2]

---

[1] L-emfażi hu fl-oriġinal.
[2] Ara, fost ħafna oħrjan, il-każ klassiku *Cassar v Vassallo* (Vol XXIX.i.1581)

**Applikazzjoni tal-liġi**

8. Hu pjuttost evidenti – u tista' tgħid anki ammess – li SB għamlet żball meta tat struzzjoni lill-avukati tagħha li l-atti waslu għandha fil-15 ta' Lulju 2024 meta, fil-fatt, kienu waslu għandha fil-11 ta' Lulju 2024. Anki jekk wieħed kellu jieħdu bħala fatt (għaliex ma tressqet l-ebda prova f'dan is-sens), mhix skużanti li dan l-iżball kien riżultat ta' miskomunikazzjoni interna fi ħdan SB. Dan, minkejja li seta' kien żball ġenwin (ara risposta ta' SB, para. 10, paġna 413), b'ebda mod ma jagħmel l-iżball invinċibbli. Għall-kuntarju, jikkonferma li l-iżball kien riżultat ta' nuqqas ta' attenzjoni fir-rigward ta' dokumenti ta' importanzi, notifikati mill-qorti; fi kliem ieħor, konferma ta' negliġenza.[3]

9. Mhux li tagħmel wisq differenza għall-analiżi tal-pożizzjoni legali, imma dak li stqarret SB f'para. 8 tar-risposta tagħha – li *jekk* jirriżulta ksur tat-terminu, allura hi titlob li r-risposta titħalla fl-atti – ma tantx jgħin il-każ tagħha. Wieħed jassumi li, mgħarrfa bir-rikors ta' Sportingbet biex tiġi dikjarata kontumaċi, SB kellha tivverifika l-atti biex tara x'kienet il-pożizzjoni, u mhux tħalli l-kwistjoni fl-arja. U jekk fil-fatt rathom, allura jiġi li l-istqarrija hi żvijanti.

10. Il-qorti għalhekk issib li SB hi kontumaċi u li m'għandhiex raġuni tajba biex titħalla r-risposta ġuramentata tagħha tibqa' fl-atti.

11. Dwar l-atti l-oħra, il-qorti ssib li:

    a. M'hemmx lok li titqies it-talba biex ir-rikors ta' SB għar-revoka tad-digriet tat-12 ta' Ġunju 2024 (atti 636/2024) jiġi mneħħi billi dak ir-rikors ġa ġie deċiż;

    b. It-talba tas-6 ta' Awwissu 2024 biex din il-kawża titwaqqaf għandha titneħħa mill-atti billi skont l-art. 158(10) konvenut li hu kontumaċi jista' jressaq biss in-nota msemmija fl-aħħar sentenza ta' dak l-artikolu.

---

[3] Għal każ b'fatti simili, ara *Farrugia v Grech*, Vol. XXVI, paġ. 286 (23 ta' Jannar 1926, Qorti ta' l-Appell (Inferjuri), per Imħallef L. Camilleri) fejn il-qorti qalet hekk: "Attesocchè nella fattispecie l'appellante non ha provato altro, se non che egli fu in errore quanto al giorno a cui era stata differita la causa; ma tale errore era vincibile ed esso si equipara a colpa".

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddikjara li SB hi kontumaċi f'dawn il-proċeduri, u tordna li jitneħħew mill-atti r-risposta ġuramentata tagħha tal-5 ta' Awwissu 2024 u r-rikors biex titwaqqaf il-kawża tas-6 ta' Awwissu 2024.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur